



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0094 (NLE)

8627/23
ADD 1

AVIATION 89
RELEX 491
ASIE 37

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	ABBOZZ ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ĠAPPUN STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu
----------	--

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/ ...
TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ĠAPPUN
STABBILIT BIL-FTEHIM
DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI BEJN
L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN

ta' ...

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-ĠAPPUN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Punt 1

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt annessi ma' din id-Deċiżjoni huma b'dan adottati.

Punt 2

Din id-Deċiżjoni ser issir applikabbli fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Ġappun

ANNESS

KUMITAT KONĠUNT TAL-PARTIJET GĦALL-FTEHIM DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN

Regoli ta' Proċedura

Punt 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli ta' proċedura skont l-Artikolu 11(3) tal-Ftehim dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, it-terminu:

- ‘Parti’ tfisser l-Unjoni Ewropea jew il-Ġappun;
- ‘iż-żewġ partijiet’ tfisser l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun.

Punt 2

President u Kompożizzjoni

1. Il-Kumitat Konġunt ser ikun presedut b'mod konġunt minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Ġappun (il-‘presidenti’).
2. Fil-Kumitat Konġunt, l-Unjoni Ewropea hija rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, meġhuna mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u akkumpanjata mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

3. Fil-Kumitat Konġunt, il-Ġappun huwa rrappreżentat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u/jew mill-Missjoni tal-Ġappun għall-Unjoni Ewropea u akkumpanjat mill-Ministeru għall-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu.

Punt 3

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt ser jiltaqa' f'intervalli regolari fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet.
2. Il-post fejn isiru l-laqgħat għandu jalterni, kemm jista' jkun, bejn Brussell u Tokyo. Bħala alternattiva, jistgħu jiġu organizzati diskussjonijiet permezz ta' vidjokonferenza. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati waqt il-vidjokonferenzi jkollhom l-istess valur bħal dawk adottati waqt laqgħat fiżiċi. Ladarba l-Partijiet ikunu ddeċidew dwar id-data u l-post ta' laqgħa, il-laqgħa tissejjaħ mill-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea u mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Ġappun.
3. Ħlief jekk ma jiġix deċiż mod ieħor mill-presidenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt mhux ser ikunu miftuħin għall-parteċipanti mill-pubbliku. Wara l-laqgħat tista' tinħareġ stqarrija għall-istampa bil-kunsens reċiproku tal-presidenti.

4. Il-laqgħat u d-dokumenti ser ikunu bl-Ingliż. Il-kostijiet tal-interpretazzjoni jew tat-traduzzjoni f'lingwa oħra għandhom jitħallsu mill-Parti li titlobhom.

Punt 4

Delegazzjonijiet

1. Qabel kull laqgħa, il-Partijiet ser jinfurmaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jinnominaw lill-presidenti rispettivi tagħhom.
2. Il-presidenti jistgħu, fuq bażi *ad hoc*, jiddeċiedu li jistiednu parteċipanti esterni biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti partikolari jew bħala osservaturi.

Punt 5

Segretarjat

Is-segretarji tal-Kumitat Konġunt ser ikunu uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, li ser jaġixxu b'mod konġunt.

Punt 6
Aġenda tal-Laqqgħat

1. Il-presidenti ser jistabbilixxu l-aġenda proviżorja ta' kull laqqgħa b'kunsens reċiproku. Din l-aġenda proviżorja u kwalunkwe dokument rilevanti tal-laqqgħat ser jintbagħtu mis-segretarji lill-partiċipanti mhux aktar tard minn ħmistax-il jum ta' xogħol qabel id-data tal-laqqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt ser jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqqgħa. Punti barra minn dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiġu inklużi fl-aġenda jekk il-Partijiet jiddeċiedu li jsir hekk.
3. Il-presidenti jistgħu jimmodifikaw, b'kunsens, il-limitu ta' żmien għat-trażmissjoni tad-dokumenti, imsemmija fil-paragrafu 1, inkluża l-aġenda proviżorja, sabiex jitqiesu r-rekwiżiti tal-proċeduri interni ta' Parti jew l-urġenza ta' kwistjoni partikolari.

Punt 7
Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqqgħa tal-Kumitat Konġunt ser jitfassal wara dik il-laqqgħa. Dawn ser jindikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati u l-konklużjonijiet magħmula.

2. Meta jiġu approvati, il-minuti ser jiġu ffirmati mill-presidenti u kopja oriġinali jew skennjata waħda ser tiġi ffajljata minn kull Parti. Il-firma u l-arkivjar elettroniċi huma possibbli.

Punt 8

Proċedura bil-Miktub

Meta jkun meħtieġ u ġġustifikat, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, il-presidenti ser jiskambjaw l-abbozzi tal-miżuri li dwarhom tintalab l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, li mbagħad jistgħu jiġu kkonfermati permezz ta' skambju ta' korrispondenza. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' titlob li l-Kumitat Konġunt jitlaqqa' biex jiddiskuti l-kwistjoni.

Punt 9

Deliberazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt ser jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'kunsens bejn il-Partijiet.
2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ser ikollhom it-titolu 'Deċiżjoni' u 'Rakkomandazzjoni' rispettivament u ser ikunu segwiti b'numru tas-serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ser jiġu ffirmati mill-presidenti.
4. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt ser jiġu implimentati mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom stess.
5. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu ppubblikati mill-Partijiet fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali rispettivi tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet jew kwalunkwe att ieħor adottat mill-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu ppubblikati jekk il-Partijiet jiddeċiedu li jsir hekk. Kopja oriġinali jew skennjata waħda tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet ser tinżamm minn kull Parti.

Punt 10

Spejjeż

1. Il-partijiet ser ikunu inkarigati li jħallu l-ispejjeż mġarrba minnhom stess minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u fil-laqgħat konformi mad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt, inkluż l-ispejjeż tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza u l-kostijiet tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. L-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat ser jiġġarrbu mill-Parti li tkun qed torganizza l-laqgħa.